

Brussell, 17 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14817/22

ENER 595  
ENV 1174  
CLIMA 607

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 642 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport tal-2022 dwar is-Sussidji fuq l-Enerġija fl-UE

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 642 final.

\_\_\_\_\_

Mehmuż: COM(2022) 642 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.11.2022  
COM(2022) 642 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport tal-2022 dwar is-Sussidji fuq l-Enerġija fl-UE**

# Rapport tal-Kummissjoni relatat mal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija – Sussidji fuq l-enerġija fl-UE

## 1. Introduzzjoni u sejbiet ewlenin

Dan huwa t-tielet rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri lejn l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji fuq l-enerġija – u b'mod aktar speċifiku, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili – fl-UE. L-eliminazzjoni gradwali ta' dawn is-sussidji hija rekwiżit skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni dwar il-Klima<sup>1</sup>. Dan ir-rapport jibni fuq iż-żewġ rapporti preċedenti<sup>2</sup> dwar is-sussidji annessi mal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020 u l-2021.

L-ewwel żewġ rapporti kienu bbażati prinċipalment fuq il-ġbir dirett ta' *data* mill-awtoritajiet nazzjonali u żvelaw xi lakuni sinifikanti fid-*data* fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs) tal-2020. Madankollu, il-kontinwità annwali tal-ġbir tad-*data* se tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tad-*data* fir-rapporti ta' progress tal-NECPs li għandhom jiġu ppreżentati fl-2023.

L-Unjoni Ewropea għandha l-mira li sal-2030 tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990 u li tkun newtrali għall-klima sal-2050. Dan jimplika l-ħtieġa li jintemm is-sussidjar tal-fjuwils fossili, filwaqt li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-effiċjenza enerġetika u għas-sorsi rinnovabbli tal-enerġija u jitqiesu l-ħtiġijiet ta' klijenti vulnerabbli fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

F'Novembru 2021, il-Patt Klimatiku ta' Glasgow<sup>3</sup> appella għal “aċċellerazzjoni tal-isforzi lejn it-tnaqqis gradwali tal-produzzjoni tal-enerġija bil-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji ineffiċjenti fuq il-fjuwils fossili, filwaqt li jipprovdi appoġġ immirat għall-persuni l-aktar foqra u vulnerabbli f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u jirrikonoxxi l-ħtieġa għall-appoġġ lejn tranżizzjoni ġusta”<sup>4</sup>.

L-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna rriżultat f'azzjonijiet ta' politika ġodda fuq żmien qasir fl-Unjoni Ewropea. Il-komunikazzjoni REPowerEU f'Marzu u l-pjan REPowerEU<sup>5</sup> f'Mejju 2022 saħħew l-aktar l-oġettivi tat-tranżizzjoni nadifa, stipulati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u minquxa fil-Liġi dwar il-Klima tal-UE. Madankollu, bl-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja, il-bidliet fis-sussidji fuq l-enerġija mill-fjuwils fossili probabbilment se jkunu aktar sinifikanti fil-futur. L-azzjoni nazzjonali biex il-ġenerazzjoni tal-enerġija bbażata fuq il-faħam u ż-żejt terġa' tinġieb online se jkollha impatt temporanju wkoll.

F'Ġunju 2021 ġie adottat ukoll Regolament Delegat tal-Kummissjoni dwar it-Tassonomija tal-Finanzi Sostenibbli<sup>6</sup>. Dan stabbilixxa l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati

<sup>1</sup> L-Artikolu 35(n) tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija (2018/1999/UE), minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament dwar il-Governanza.

<sup>2</sup> [https://ec.europa.eu/energy/sites/default/files/annex\\_to\\_the\\_state\\_of\\_the\\_energy\\_union\\_report\\_on\\_energy\\_subsidies\\_in\\_the\\_eu.pdf](https://ec.europa.eu/energy/sites/default/files/annex_to_the_state_of_the_energy_union_report_on_energy_subsidies_in_the_eu.pdf), minn hawn 'il quddiem: studji preċedenti tal-Kummissjoni dwar is-sussidji (2020 u 2021).

<sup>3</sup> [https://unfccc.int/sites/default/files/resource/cma2021\\_10\\_add1\\_adv.pdf](https://unfccc.int/sites/default/files/resource/cma2021_10_add1_adv.pdf).

<sup>4</sup> Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04) tenfasizza li “il-kompożizzjoni tas-sistemi ta' benefiċċji fiskali u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali jenħtieġ li tiġi eżaminata skont il-ħtiġijiet speċifiċi li jirriżultaw mit-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt ssir riflessjoni wkoll dwar il-“prinċipju ta' min iniġġes iħallas” u l-ħtieġa li l-politiki ta' akkumpanjament ma jintroduċux sussidji għall-konsum tal-fjuwils fossili, ma jintrappolawx lill-konsumaturi fl-użu ta' teknoloġija speċifika, ma jnaqqasux l-inċentivi għar-rinnovazzjonijiet tal-binjiet u għas-sostituzzjonijiet tas-sistema tal-enerġija termali u ma jnaqqasux l-inċentivi fil-miżuri ġenerali għall-effiċjenza enerġetika.”

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP\\_22\\_3131](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_22_3131).

<sup>6</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021R2139&from=MT>.

L-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiżgura li l-attività ekonomika rispettiva ma tikkawża l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra tal-UE. Dan ġie kkomplimentat minn regolament delegat addizzjonali, adottat f'Marzu 2022<sup>7</sup>, li jkopri għadd ta' attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija, jiġifieri ċerti attivitajiet relatati mal-gass naturali u l-enerġija nukleari.

Għat-tħejjija tar-rapport attwali, il-Kummissjoni wettqet studju<sup>8</sup> biex tiġbor id-*data* mill-Istati Membri u tespandi u/jew tikkoreġi settijiet ta' *data* preċedenti li kien fihom riżultati mhux kompluti mill-2020 u l-2021<sup>9</sup>. Meta tlesta l-istudju tal-Kummissjoni (Lulju 2022), id-*data* tal-2021 ma kinitx kompluta u għalhekk kienet soġġetta għal stimi sinifikanti. Għal din ir-raġuni, in-numri tal-2021 għandhom jiġu ttrattati b'kawtela fir-rapport attwali<sup>10</sup>. Biex tiġi żgurata kwalità tajba tad-*data*, l-Istati Membri ntalbu jagħmlu kontroverifika tal-bażi tad-*data* l-għdida. L-istudju tal-Kummissjoni wettaq ukoll rendikont inizjali ta' kif is-sussidji fuq l-enerġija jirrelataw mal-kriterji tat-tassonomija.

Ir-riżultati ta' dan l-istudju jikkonfermaw li f'dawn l-aħħar snin intefaqq ammont sinifikanti ta' sussidji – għalkemm xi ftit inqas – fuq l-enerġija mill-fjuwils fossili. Dan ifisser li l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jżidu l-isforzi tagħhom biex jissodisfaw l-impenji internazzjonali tagħhom dwar is-sussidji fuq il-fjuwils fossili u jiksibu n-newtralità klimatika sal-2050. Fl-2020, is-sussidji ġenerali fuq l-enerġija fl-UE laħqu EUR 173 biljun, li żdiedu b'7 %, jew b'EUR 14-il biljun, bejn l-2015 u l-2020. Is-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli żdiedu bi 15 %, u laħqu EUR 81 biljun fl-2020, u s-sussidji għall-effiċjenza enerġetika żdiedu b'20 % (EUR 15-il biljun fl-2020) fl-istess perjodu 2015-2020 – żvilupp favorevoli li se jgħin lill-UE tilħaq l-objettivi tagħha għal tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Fl-2021, is-sussidji totali fuq it-tipi kollha ta' enerġija (fjuwils fossili, nukleari u rinnovabbli) komplew jiżdiedu. Dan kien dovut għal domanda dejjem tikber għall-enerġija hekk kif l-irkupru ekonomiku kompli wara l-2020, li kienet sena kkaratterizzata minn restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19. Kif juru l-istimi tad-*data* mill-2021, is-sussidji totali fuq l-enerġija żdiedu b'EUR 11-il biljun fl-2021 meta mqabbel mal-2020, u laħqu EUR 184 biljun. Minn dawn is-sussidji fuq l-enerġija, is-sussidji għad-domanda għall-enerġija<sup>11</sup> laħqu EUR 65 biljun fl-2021, madwar EUR 8 biljuni ogħla (+14 %) milli fl-2020 u s-sussidji fuq l-effiċjenza enerġetika laħqu EUR 19-il biljun, madwar EUR 3 biljuni ogħla (+29 %) milli fl-2020. Fl-istess ħin, is-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli naqsu bi kważi EUR 3 biljuni (-3,5 %) meta mqabbel mas-sena ta' qabel (waqgħu għal EUR 78 biljun fl-2021), minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa, li jimplika primjums feed-in aktar baxxi.

<sup>7</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32022R1214&from=MT>.

<sup>8</sup> Study on energy subsidies and other government interventions in the EU – edizzjoni tal-2022, minn hawn 'il quddiem "l-istudju tal-Kummissjoni" <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/34a55767-55a1-11ed-92ed-01aa75ed71a1>

<sup>9</sup> Minħabba kemm il-valutazzjoni mill-għdid tal-inventarju tas-sussidji għas-snin ta' qabel, kif ukoll il-bidla fil-bażi monetarja ("espressa f'euro 2021" fir-rapport attwali) l-ammonti totali fiċ-ċarts ta' dan ir-rapport jistgħu jvarjaw mill-aħħar rapport dwar is-sussidji fuq l-enerġija li ġie ppubblikat fl-2021 jew qabel.

<sup>10</sup> Għal xi entrati tas-sussidji, jekk il-valuri tal-2021 ma kinux disponibbli, il-valuri tal-2020 ittieħdu bħala stima għall-2021. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan ir-rapport jagħmel referenza għad-*data* tal-2021. Madankollu, jekk id-*data* tal-2020 biss tkun robusta biżżejjed għall-analiżi, din titqies bħala l-aħħar sett ta' *data* disponibbli.

<sup>11</sup> Is-sussidji relatati mad-domanda għall-enerġija jinċentivaw il-konsum tal-enerġija f'diversi setturi ekonomiċi, pereżempju permezz ta': (i) tnaqqis tat-taxxa jew rifużjonijiet fuq il-konsum tal-enerġija; (ii) prezzijiet regolati f'ċerti setturi; u (iii) ħlasijiet diretti li għandhom l-għan li jtaffu l-piżijiet tal-konsumatur li jirriżultaw mill-kostijiet tal-enerġija. Xi sussidji fuq id-domanda għall-enerġija għandhom implikazzjonijiet soċjali, li jmorru lil hinn minn kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi. Fi żminijiet meta l-prezzijiet tal-enerġija jkunu għoljin, id-deċiżjonijiet ta' politika dwar is-sussidji jenħtieġ li jqsu l-konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli.

Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili, li laħqu EUR 50 biljun fl-2020, naqsu b'1,5 % (jew -EUR 0,7 biljun) bejn l-2015 u l-2020, bħala riżultat ta': (i) tnaqqis fis-sussidji mhux speċifiċi għall-fjuwil (-EUR 1,4 biljun); (ii) tnaqqis fis-sussidji għall-faħam (-EUR 0,9 biljun); (iii) żieda fis-sussidji għall-gass (+EUR 0,5 biljun); u (iv) żieda fis-sussidji għaż-żejt u l-prodotti tal-petroleum (+ EUR 1,2 biljun). Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili naqsu f'ħafna mill-Istati Membri f'dan il-perjodu. Madankollu, fi ftit pajjiżi, bħall-Belġju, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovakkja, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili żdiedu b'mod sinifikanti bejn l-2015 u l-2020. Fil-livell tal-UE, is-sehem tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili fi ħdan il-PDG baqa' prattikament l-istess bejn l-2015 u l-2020.

Fis-settur tat-trasport, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili (primarjament fuq il-prodotti taż-żejt) żdiedu b'mod drammatiku (b'29 %, jew EUR 3,1 biljuni) bejn l-2015 u l-2019 u naqsu bi EUR 3 biljuni fl-2020. Fl-2021, anke fost iż-żieda fl-attivitajiet tat-trasport wara t-tmiem tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili baqgħu stabbli b'mod ġenerali meta mqabbel mal-2020 hekk kif is-sussidji fuq il-fjuwils fossili naqsu f'setturi oħra tal-ekonomija, pereżempju fis-settur tal-enerġija.

Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-agrikoltura żdiedu wkoll (bi 13 %, jew b'+EUR 0,7 biljun) bejn l-2015 u l-2020, l-aktar fil-forma ta' appoġġ għall-konsum tal-fjuwil (eż. tnaqqis jew eżenzjoni ta' taxxi fuq il-fjuwil).

Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili għall-unitajiet domestiċi żdiedu bi 15 % (EUR 0,4 biljun) fl-istess perjodu, prinċipalment fil-forma ta' sussidji fuq il-konsum taż-żejt għat-tisħin u tal-gass naturali. Fl-2021, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili għall-unitajiet domestiċi komplew jżdiedu mil-livelli tagħhom tal-2020.

Is-sussidji fuq il-gass naturali żdiedu b'6 % (EUR 0,5 biljun) bejn l-2015 u l-2020, li jirrappreżentaw madwar 19 % tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, u fl-2021 komplew żdiedu b'madwar EUR 0,7 biljun (+10 %) meta mqabbel mal-2020. Is-sussidji fuq il-faħam u l-linjite, li jirrappreżentaw 18 % tas-sussidji totali fuq il-fjuwils fossili, naqsu b'9 % (-EUR 0,9 biljun) fl-UE bejn l-2015 u l-2020, iżda rkupraw b'madwar 6 % (EUR 0,6 biljun) fl-2021.

Fis-snin li ġejjin, meta wieħed iżomm f'moħħu l-impatt probabbli ta' żieda fl-użu tal-faħam, is-sussidji fuq il-faħam jistgħu jżdiedu fis-settur tal-enerġija. U t-tnaqqis mistenni fl-użu tal-gass fuq perjodu medju sa twil jindika li s-sussidji fuq il-gass għad jonqsu fil-futur, minkejja li l-prezzijiet għoljin tal-gass fil-preżent jistgħu jindikaw żieda fis-sussidji fuq il-gass fuq perjodu qasir. Is-sussidji fuq l-enerġija nukleari fil-forma ta' kumpens għall-għeluq bikri u d-dekummissjonar bikri ta' faċilitajiet nukleari (l-aktar fil-Ġermanja u fi Franza) żdiedu aktar fl-2021 minħabba għeluq ippjanat. Is-sussidji fuq l-enerġiji rinnovabbli se jiddependu ħafna fuq il-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa, iżda nistgħu nistennew li prezzijiet ogħla jimplikaw sussidji aktar baxxi permezz ta' primjums feed-in jew kuntratti għal differenza<sup>12</sup>.

## **2. Sussidji fuq l-enerġija u sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-UE**

### **2.1. Sussidji fuq l-enerġija fl-UE**

<sup>12</sup> Għal aktar informazzjoni dwar kunċetti, definizzjonijiet, skopijiet, setturi, strumenti, tipi ta' fjuwil, eċċ. ara l-Anness 5 tal-istudju tal-Kummissjoni.

Is-sussidji f'dan ir-rapport huma definiti skont il-metodoloġija stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)<sup>13</sup>, li ntużat fl-istudju ta' appoġġ tal-Kummissjoni<sup>14</sup> u ż-żewġ rapporti preċedenti dwar is-sussidji fuq l-enerġija (2020 u 2021). Din il-metodoloġija tiġbor is-sussidji f'4 kategoriji: (i) miżuri tal-gvern li jinvolvu t-trasferiment dirett ta' fondi; (ii) dħul tal-gvern li nkella jintilef (mhux miġbur); (iii) gvernijiet li jipprovdu oġġetti u servizzi jew jixtru oġġetti; u (iv) appoġġ għall-prezzijiet u l-introjtu.

F'dan ir-rapport, is-sussidji fuq l-enerġija huma eżaminati wkoll minn perspettivi differenti, pereżempju: (i) skont l-għan li jfittxu li jipromwovu (produzzjoni, konsum/domanda, infrastruttura jew effiċjenza enerġetika); (ii) skont it-tip ta' fjuwil (fjuwils fossili, enerġiji rinnovabbli, nukleari); (iii) skont is-setturi ekonomiċi (is-settur tal-enerġija, it-trasport, l-industrija, l-agrikoltura<sup>15</sup>, residenzjali, is-servizzi, eċċ.); jew (iv) skont it-tipi ta' strumenti użati għall-impożizzjoni tas-sussidji (ħelsien mit-taxxa, għotjiet, appoġġ għall-prezz, appoġġ għall-introjtu, eċċ.).

Meta wieħed iħares lejn il-bidliet fis-sussidji fuq l-enerġija fl-UE, l-appoġġ finanzjarju totali ammonta għal EUR 173 biljun fl-2020, żieda ta' 7 % (+ EUR 14-il biljun) mill-2015. Is-sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija żdiedu bi 11 % (+ EUR 9 biljuni) matul l-istess perjodu, prinċipalment minħabba sussidji għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli (EUR 81 biljun fl-2020), filwaqt li s-sussidji għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika żdiedu b'20 % (+ EUR 2,5 biljuni fl-istess perjodu, u laħqu EUR 15-il biljun fl-2020).

Is-sitwazzjoni tal-pandemija li kienet qed titjeb u t-tnaqqis permanenti tal-miżuri ta' trażżin fl-2021 taw ċans lill-ekonomija tal-UE tirkupra. F'dik is-sena, l-ekonomija tal-UE rkuprat aktar malajr milli kien mistenni inizjalment, u dan l-irkupru kellu impatt 'il fuq ukoll fuq il-konsum tal-enerġija u fuq is-sussidji fuq il-prodotti tal-enerġija. Kif turi d-*data* stmata, is-sussidji fuq l-enerġija fl-UE żdiedu għal EUR 184 biljun fl-2021 (żieda ta' EUR 12-il biljun, jew 7 % meta mqabbel mal-2020). Is-sussidji relatati mad-domanda għall-enerġija<sup>16</sup> żdiedu b'14 % (+EUR 8 biljuni) fl-2021 meta mqabbel mal-2020, prinċipalment minħabba ż-żieda fil-konsum tal-enerġija fost l-irkupru ekonomiku. Dan wera li t-tnaqqis fis-sussidji fuq id-domanda għall-enerġija fl-2020 kien biss temporanju. L-impatt tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri mit-tieni nofs tal-2021 biex jappoġġaw lin-negozji u lill-pubbliku – anki jekk biss temporanjament – fost prezzijiet għoljin tal-enerġija diġà jidher fiż-żieda tas-sussidji relatati mad-domanda għall-enerġija għal dan iż-żmien. Madankollu, id-dettalji preċiżi jistgħu jiġu kkwantifikati biss fl-edizzjoni li jmiss tar-rapport dwar is-sussidji fuq l-enerġija.

Is-sussidji għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika, wara tnaqqis temporanju fl-2020, reġgħu żdiedu fl-2021, u laħqu EUR 19-il biljun. Dan kien jammonta għal żieda ta' 54 % (+ EUR 6,5 biljun) meta mqabbel mal-2015. Barra minn hekk, l-ammont stmat ta' sussidji għar-ristrutturar tal-industrija tela' għal EUR 4,6 biljun fl-2021 (żieda minn EUR 2,3-2,4 biljun f'kull waħda mis-sentejn preċedenti), prinċipalment minħabba żieda fl-appoġġ finanzjarju għad-dekummissjonar tal-minjieri tal-faħam u tal-linjite u miżuri relatati ta' trasformazzjoni

<sup>13</sup> Il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar Sussidji u Miżuri ta' Kontrollbilanċ.

[https://www.wto.org/english/tratop\\_e/scm\\_e/scm\\_e.htm](https://www.wto.org/english/tratop_e/scm_e/scm_e.htm).


<sup>14</sup> Ara aktar dwar il-metodoloġija tas-sussidji fuq l-enerġija fl-istudju tal-Kummissjoni.

<sup>15</sup> Fir-rapport attwali hemm inkluż ukoll sussidji għas-sajd.

<sup>16</sup> Is-sussidji relatati mad-domanda għall-enerġija jinċentivaw il-konsum tal-enerġija f'diversi setturi ekonomiċi, pereżempju permezz ta': (i) tnaqqis tat-taxxa jew rifużjonijiet fuq il-konsum tal-enerġija; (ii) prezzijiet regolati f'ċerti setturi; u (iii) ħlasijiet diretti li għandhom l-għan li jtaffu l-piżijiet tal-konsumatur li jirriżultaw mill-kostijiet tal-enerġija. Xi sussidji fuq id-domanda għall-enerġija għandhom implikazzjonijiet soċjali, li jmorru lil hinn minn kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi. Fi żminijiet meta l-prezzijiet tal-enerġija jkunu għoljin, id-deċiżjonijiet ta' politika dwar is-sussidji jenħtieġ li jqisu l-konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli.

ekonomika. Madankollu, is-sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija naqsu b'5 % (-EUR 5 biljuni), hekk kif is-sussidji fuq l-enerġiji rinnovabbli (prinċipalment solari) naqsu sostanzjalment fost il-prezzijiet oġhla tas-suq tal-elettriku bl-ingrossa, li affettwaw it-tipi ta' skemi ta' appoġġ feed-in primjum u kuntratt għal differenza.

### Illustrazzjoni 1 – Sussidji tal-UE fuq l-enerġija skont l-iskop



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022. F'dan id-dokument kollu, l-isphered stack bars juru li din id-*data* tal-2021 hija bbażata fuq stimuli, u kull kategorija jenħtieġ li tiġi interpretata bħala li żżid sphered bar (stimuli) mal-bar mimlija (*data* fattwali) biex titqabbel mas-snin ta' qabel.

Bħala indikatur tal-intensità tas-sussidju fuq l-enerġija tal-ekonomija, is-sussidji fuq l-enerġija meta mqabbel mal-PDG fl-Istati Membri tal-UE jistgħu jintużaw biex isiru paraguni bejn il-pajjiżi. Dan għaliex il-valuri assoluti tas-sussidju jiddependu wkoll fuq id-daqs tal-ekonomija ta' pajjiż partikolari. Fl-2020, is-sussidji fuq l-enerġija meta mqabbel mal-PDG varjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, minn 2,9 % tal-PDG fil-Latvja għal 0,3 % biss tal-PDG fil-Lussemburgu. Is-sussidji fuq l-enerġija bħala perċentwal tal-PDG fl-UE ammontaw għal medja ta' 1,2 % fl-2020, u dan juri grad għoli ta' stabbiltà fl-2015-2020 fl-UE b'mod ġenerali u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wkoll.

L-analiżi turi wkoll li pajjiżi differenti jużaw is-sussidji biex jappoġġaw politiki u miżuri differenti, u li dawn il-politiki u l-miżuri differenti għandhom impatt differenti fuq l-oġettivi għat-tranżizzjoni tal-UE lejn enerġija nadifa. Pereżempju, il-Latvja nefqet 2 % tal-PDG tagħha fuq sussidji għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-2020<sup>17</sup> (u 0,4 % tal-PDG tagħha kemm fuq sussidji fuq il-fjuwils fossili kif ukoll fuq sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli), filwaqt li l-Ġermanja, l-Italja u l-Greċja nefqu madwar 1 % tal-PDG tagħhom fuq is-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli. Il-Ġermanja u l-Italja nefqu 0,4 % u 0,3 %, rispettivament, tal-PDG tagħhom fuq sussidji fuq il-fjuwils fossili.


Fl-istess ħin, pajjiżi oħra għad għandhom it-tendenza li jonfqu aktar fuq fjuwils fossili<sup>18</sup> milli fuq miżuri li jinċentivaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Fl-2020, Ċipru nefaq madwar 1,3 % tal-PDG tiegħu biex jissussidja l-fjuwils fossili (u 0,2 % biss fuq sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli), u fil-Greċja u l-Belġju dan is-sehem kien qrib il-1 %, li jiskoraġġixxi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Madankollu, dawn iż-żewġ pajjiżi msemmija l-aħħar nefqu

<sup>17</sup> Dawn il-miżuri kienu prinċipalment relatati mal-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) fil-perjodu 2014-2020, bil-għan li jaqilbu għal żviluppi b'livell baxx ta' karbonju fis-setturi ekonomiċi kollha. Mill-2021, id-*data* preliminari wriet li dawn il-miżuri tal-FEŻR kienu spiċċaw, u naqqsu l-ammont globali tas-sussidji.

<sup>18</sup> B'mod ġenerali, il-biċċa l-kbira tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili għandhom jimmiraw li jinċentivaw il-konsum u/jew il-produzzjoni tal-enerġija minn dawn il-fjuwils, filwaqt li s-sehem tas-sussidji li għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili huwa minimu.

rispettivament 0,9 % u 0,5 % tal-PDG tagħhom fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fl-2021, is-sussidji fuq l-enerġija bħala perċentwal tal-PDG baqgħu stabbli (jew naqsu bi ftit meta mqabbel mal-2020) fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE.

**Illustrazzjoni 2 - Sussidji għal sorsi ta' enerġija differenti, bħala perċentwal tal-PDG fl-2015 u l-2020, u f'biljuni ta' ewro fl-2020**



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022. L-elettriku jirreferi għal appoġġ għall-elettriku ġenerali, mhux speċifiku għat-teknoloġija, filwaqt li “L-enerġija kollha” tirrappreżenta sussidji mhux direttament attribwibbli għall-vetturi tal-enerġija jew għall-fjuwils (eż. miżuri ta' effiċjenza enerġetika u inċentivi ta' domanda/konsum tal-enerġija, irrispettivament mill-vettur tal-enerġija; għotjiet ta' investiment; u nfiq partikolari ta' R&Z). Għal aktar dettalji, ara l-istudju tal-Kummissjoni.

Is-sussidji għal **sorsi ta' enerġija rinnovabbli**, li jirrappreżentaw madwar 44 % tal-valur ġenerali tas-sussidji fuq l-enerġija f'dawn l-aħħar snin, żdiedu b'7 % (+EUR 5,5 biljuni) fl-2020 meta mqabbel mal-2019. Madankollu, fl-2021 dawn is-sussidji naqsu bi 3 % (-EUR 2,8 biljun, milquta minn prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa oġhla u konsegwentement, minn primjums feed-in jew kuntratti għal differenza aktar baxxi), kif juru n-numri stmati. Min-naħa l-oħra, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili, li ammontaw għal 31 % tal-valur totali tas-sussidji fuq l-enerġija f'dawn l-aħħar snin, naqsu b'5,5 % (-EUR 2,9 biljun) fl-2020 u baqgħu prattikament stabbli fl-2021. Fl-2021, minkejja l-irkupru fil-konsum tal-fjuwil għat-trasport, is-sussidji ġenerali tal-fjuwils fossili ma żdiedux bħalma żdiedu f'setturi oħra, bħal fis-settur tal-enerġija. Għall-kuntrarju, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili għat-trasport naqsu.


Is-sussidji fuq l-**elettriku**<sup>19</sup> naqsu bi ftit bejn l-2015 u l-2020, filwaqt li s-sussidji fuq “l-enerġija kollha” (sorsi ta' enerġija multipli jew miżuri mhux attribwibbli direttament għal prodotti tal-enerġija) żdiedu minn EUR 20 biljun għal EUR 26 biljun (+30 %). Fl-2021, żdiedu kemm is-sussidji fuq l-elettriku kif ukoll dawg tal-“enerġija kollha”, u dan jimplika żieda fin-nefqa tat-taxxa fuq il-prodotti tal-enerġija li ma tistax tiġi attribwita lil trasportatur partikolari (f'rabta mal-appoġġ għad-domanda għall-enerġija).

Is-sussidji fuq l-enerġija **nukleari**, wara li kienu stabbli għal diversi snin mill-2015 (b' medja ta' EUR 4,2 biljun), laħqu kważi EUR 5 biljuni kemm fl-2019 kif ukoll fl-2020. Madankollu, fl-2021 żdiedu ulterjorment għal EUR 7,2 biljun, għalkemm anke wara din iż-żieda, is-sussidji nukleari xorta kienu jirrappreżentaw biss 4 % tas-sussidji totali fuq l-enerġija fl-UE. Din iż-żieda kienet relatata prinċipalment ma' strumenti finanzjarji li jikkompensaw għall-

<sup>19</sup> L-ammonti ta' sussidju għall-użu tal-elettriku ġew allokatati mill-ġdid għas-sorsi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija tagħhom (eż. fjuwils fossili, nukleari, enerġija rinnovabbli) abbażi tal-bilanċi nazzjonali tal-enerġija.

għeluq bikri u d-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari, prinċipalment fil-Ġermanja u Franza. L-iskemi ta' kumpens huma prinċipalment ibbażati fuq il-ħlas għall-elettriku li mhux se jiġi ġġenerat (minħabba l-għeluq bikri) jew għal assi "mhux rekuperabbli"<sup>20</sup>. Fil-Ġermanja, f'Novembru 2021, tħallas kumpens ta' EUR 2,4 biljuni li kellu impatt sostanzjali fuq l-ammont totali tas-sussidji għall-enerġija nukleari fl-Ewropa.

### Illustrazzjoni 3 – sussidji fuq l-enerġija tal-UE skont it-tip ta' fjuwil



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022. "L-enerġiji kollha" tirrappreżenta sussidji mhux attribwibbli direttament lil vetturi tal-enerġija jew fjuwils (eż. miżuri ta' effiċjenza enerġetika, li jirrapreżentaw madwar 55 % ta' "l-enerġiji kollha fl-2021" u inċentivi ta' domanda/konsum tal-enerġija irrispettivament mill-vettur tal-enerġija; għotjiet ta' investiment; u nfiq partikolari ta' R&Ż).


Is-sehem tas-sussidji fuq l-enerġija li jista' jkun relatat direttament mas-**settur tal-enerġija**<sup>21</sup> (jiġifieri s-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-minjieri tal-faħam, u l-kumpaniji taż-żejt u l-gass) kien ta' madwar 56-58 % fl-2019 u l-2020, filwaqt li fl-2021 dan naqas għal 54 %. Fl-istess perjodu, is-sehem tas-sussidji fuq l-enerġija mħallsa lill-unitajiet domestiċi wera xejra li qed tiżdied, u laħaq madwar 12-13 %, filwaqt li s-sehem tal-industrija kien ftit aktar minn 10 %, u dak tat-trasport kien ftit inqas minn 10 %. Bejn l-2015 u l-2020, is-sussidji żdiedu bi kważi EUR 10 biljuni fis-settur tal-enerġija (+10 %), u s-sussidji fuq l-enerġija mhux speċifiċi għas-settur żdiedu wkoll b'EUR 2,7 biljuni matul l-istess perjodu. Fl-istess ħin, is-sussidji fuq l-enerġija fis-settur kummerċjali naqsu b'EUR 1 biljun.

Fl-2021, is-sussidji fuq l-enerġija mħallsa lis-settur tal-unitajiet domestiċi żdiedu b'madwar EUR 5 biljuni meta mqabbel (+26 %) mal-2020, peress li l-prezzijiet għoljin tal-enerġija wasslu għal aktar appoġġ finanzjarju mill-gvernijiet għall-unitajiet domestiċi. Fis-settur industrijali, is-sussidji fuq l-enerġija żdiedu b'EUR 1,7 biljun (+8 %), filwaqt li fis-settur tal-enerġija naqsu b'EUR 2,1 biljuni (-2 %).

<sup>20</sup> Assi mhux rekuperabbli huma assi li sofrew minn tnaqqis fil-valur mhux mistenni jew prematur, żvalutar jew konverżjoni f'obbligazzjonijiet

<sup>21</sup> Għal aktar informazzjoni dwar definizzjonijiet, skopijiet, setturi, strumenti, tipi ta' fjuwil, eċċ. ara l-Anness 5 tal-istudju tal-Kummissjoni.

#### Illustrazzjoni 4 – Sussidji fuq l-enerġija tal-UE skont is-settur ekonomiku



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

Il-maġġoranza ġenerali (madwar 90 %) tas-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli fl-UE (EUR 81 biljun fl-2020) kienu fis-settur tal-enerġija. Madwar 38 % tas-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli kienu relatati mal-enerġija solari fl-2020, filwaqt li l-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ kienet tammonta għal madwar 27 % tas-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli, u s-sehem għall-bijomassa kien ta' madwar 22 %. Dan ħalla biss sehem żgħir għall-idroenerġija, għall-enerġija ġeotermali u għal enerġiji rinnovabbli oħra (13 %). Fl-2021, is-sehem tas-sussidji fuq l-enerġija solari rinnovabbli maqbuda mix-xemx naqas għal 34 %, filwaqt li s-sehem tal-enerġija maqbuda mir-riħ u l-bijomassa kien ta' madwar 24 % kull wieħed.

L-aktar **strumenti sinifikanti ta' sussidju fuq l-enerġija rinnovabbli** fl-Istati Membri tal-UE huma tariffi feed-in<sup>22</sup> (li jammontaw għal EUR 54 biljun jew 67 % tas-sussidji totali fuq l-enerġija rinnovabbli fl-2020). Dawn it-tariffi feed-in jirriflettu s-sussidji li joħroġu minn kuntratti fit-tul li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew konklużi aktar minn għaxar snin ilu, peress li l-kuntratti reċenti ma għadhomx japplikaw tariffi feed-in bl-eċċezzjoni ta' xi produttori żgħar. Il-primjums feed-in u l-kwoti rinnovabbli b'ċertifikati tal-kummerċ ammontaw għal inqas (EUR 8 biljuni, jew 10 % u EUR 7 biljuni, jew 8 % fl-2020, rispettivament). L-istrumenti ta' ħelsien mit-taxxa (prinċipalment fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxa u eżenzjonijiet) ikkontribwew ukoll madwar EUR 6 biljuni (7 %) għall-ammont totali ta' sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli.


**Is-sussidji għall-effiċjenza enerġetika** fl-UE żdiedu bejn l-2015 u l-2019, filwaqt li fl-2020 naqsu ftit (naqsu b'6 % għal EUR 1 biljun), filwaqt li laħqu EUR 15-il biljun, għalkemm xorta żdiedu bi kważi 20 % meta mqabbel mal-2015. Fl-2021, is-sussidji għall-effiċjenza enerġetika reġġu rkupraw, u laħqu madwar EUR 19-il biljun (+29 % meta mqabbel mal-2020), u żdiedu b'mod partikolari fl-unitajiet domestiċi (+EUR 1,3 biljun) u fl-industrija (+EUR 0,5 biljun). L-għotjiet kienu partikolarment sinifikanti, u ammontaw għal 39 % tas-sussidji kollha għall-effiċjenza enerġetika fl-2020-2021. Il-kategoriji l-aktar sinifikanti ta' sussidju għall-effiċjenza enerġetika ta' wara dawn kienu n-nefqa tat-taxxa (30 %), is-self b'rata tal-imgħax baxxa (18 %), u l-obbligi b'rabta mal-effiċjenza enerġetika (13 %). Fl-

<sup>22</sup> Aktar informazzjoni dwar il-kunċetti u r-rwol ta' strumenti differenti tista' tinstab fl-istudju tal-Kummissjoni

2021, ħafna Stati Membri tal-UE bdew jimplimentaw pjanijiet ta' rkupru<sup>23</sup> li saru sors sinifikanti ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Iż-żieda fl-appoġġ għall-effiċjenza enerġetika bejn l-2020 u l-2021 kienet xprunata fil-biċċa l-kbira mis-settur tal-bini.

Iż-żieda fis-sussidji għall-effiċjenza enerġetika hija allinjata mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tal-politiki tal-enerġija tal-UE, u dawn is-sussidji kkontribwew ukoll għat-tnaqqis fl-intensità tal-enerġija tal-ekonomija tal-UE. F'kundizzjonijiet ta' riċessjoni ekonomika, il-PDG tal-UE fl-2020 wera biss tkabbir ta' 2,6 % meta mqabbel mal-2015, minkejja li l-konsum finali tal-enerġija tal-UE kien naqas b'5 % fl-istess perjodu ta' 5 snin, li jimplika li l-intensità tal-enerġija tal-ekonomija tal-UE naqset b'7,4 % matul dan iż-żmien. Għalkemm il-PDG żdied b'5,3 % fl-UE fl-2021, huwa improbabbli li t-tendenza ta' tnaqqis tal-intensità tal-enerġija titreġġa' lura. Bidliet ulterjuri minn sussidji li jinċentivaw il-konsum tal-enerġija lejn sussidji għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika jistgħu jgħinu biex tinżamm din it-tendenza ta' tnaqqis.

Illustrazzjoni 5 – sussidji għall-effiċjenza enerġetika fl-UE



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

Meta wieħed iħares lejn setturi oħra, l-unitajiet domestiċi rċevew madwar 11 % tas-sussidji totali fuq l-enerġija fl-2020 allokatu għas-setturi ekonomiċi kollha. Aktar minn nofs is-sussidji għall-unitajiet domestiċi ma jistgħux jiġu attribwiti direttament għal vetturi tal-enerġija (eż. sussidji għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika). L-appoġġ għall-konsum tal-elettriku u tal-fjuwils fossili (eż. ż-żejt għat-tisħin, il-gass, il-faħam) irrappreżenta wkoll ishma sinifikanti (26 % u 17 %, rispettivament)<sup>24</sup>. Għall-industrija, il-biċċa l-kbira tas-sussidji jistgħu jiġu attribwiti direttament lill-elettriku, lill-gass, lill-prodotti taż-żejt u lill-enerġija rinnovabbli; filwaqt li għas-settur tat-trasport, is-sussidji kienu prinċipalment attribwibbli għall-prodotti taż-żejt.

Ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet min-naħa tal-konsumatur (garanziji tal-prezz tal-konsumatur) naqset fis-sinifikat bejn l-2015 u l-2020. Madankollu, fl-2021 il-kost ta' dawn il-

<sup>23</sup> Il-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza tħejjew u ġew adottati fl-2021. L-impatt tagħhom probabbilment se jinħass biss fis-snin li ġejjin. Lil hinn mill-infiq fuq l-effiċjenza enerġetika, l-RRPs jallokaw somom sinifikanti għal skopijiet oħra, bħall-enerġija rinnovabbli.

<sup>24</sup> Prinċipalment fil-forma ta' VAT imnaqsa. Forom speċjali ta' appoġġ finanzjarju għal unitajiet domestiċi vulnerabbli jeħtieġ li jsiru b'attenzjoni, peress li jmorru lil hinn minn kunsiderazzjonijiet strettament relatati mas-suq tal-enerġija. Madankollu, ir-rapport attwali dwar is-sussidji u l-istudju sottostanti jipprovdu biss data għas-settur tal-unitajiet domestiċi kollu kemm hu, u ma hemmx disponibbli diżaggregazzjoni soċjoekonomika aktar profonda (eż. livell ta' introjtu, età, kompożizzjoni tal-unità domestika, eċċ.).

garanziji għoliet għal aktar minn EUR 5 biljun minn EUR 1,8 biljun biss fl-2020, probabbilment minħabba li qed jiżdied l-appoġġ għall-prezz tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u l-industrija, f'kundizzjonijiet ta' żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-appoġġ min-naħa tal-produttur (garanziji tal-prezz tal-produttur, bħal ftehimiet ta' xiri, garanziji tal-kost tal-fjuwil, eċċ.) baqa' fil-medda ta' EUR 4-5 biljuni matul l-aħħar ftit snin fl-UE.

Is-sussidji **għall-ħlas tal-kapaċità** wrew grad għoli ta' stabbiltà fl-2015-2020, b'medja ta' madwar EUR 2,1 biljun f'dan il-perjodu filwaqt li telgħu għal madwar EUR 2,6 biljun fl-2021. Il-mekkaniżmi tal-kapaċità ħallsu l-aktar għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn fjuwils fossili f'dan il-perjodu.

Is-sussidji fuq **l-idroġenu** żdiedu ħafna f'dawn l-aħħar snin, u telgħu minn EUR 195 miljun fl-2015 għal EUR 329 miljun fl-2021. Fl-2021, żewġ terzi ta' dan l-appoġġ kien fil-forma ta' appoġġ għan-nefqa ta' R&Ż, bil-kumplement magħmul prinċipalment minn trasferimenti diretti<sup>25</sup>. Fis-snin li ġejjin, u kif diġà turi d-*data* preliminari, hija mistennija żieda sinifikanti fis-sussidji għall-idroġenu.

**Kategoriji ta' sussidji** differenti jistgħu jinċentivaw teknoloġiji differenti tal-enerġija. Madankollu, mhux dejjem ikun possibbli li jiġi ddeterminat liema kategoriji ta' sussidju huma l-aktar tipiċi għal gruppi speċifiċi tal-enerġija. Kif turi t-Tabella 1, is-sussidji fuq in-nefqa tat-taxxa (eżenzjonijiet, tnaqqis, eċċ.) huma sinifikanti għall-fjuwils fossili, peress li jkopru madwar żewġ terzi tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili. B'kuntrast għal dan, l-appoġġ għall-introjtu u għall-prezz (eż. tariffi/primjums feed-in) jammonta għal 85 % tal-appoġġ totali għall-enerġija rinnovabbli (u jammonta għal 41 % tas-sussidji totali fuq l-enerġija). Is-sussidji fuq in-nefqa tat-taxxa huma sinifikanti wkoll għall-elettriku (86 %) u l-kategorija "l-enerġija kollha" (40 %) (il-kategorija "l-enerġija kollha" tinkludi wkoll sussidji għall-effiċjenza enerġetika), filwaqt li għal "l-enerġija kollha", is-sussidji bi trasferiment dirett għandhom ukoll rwol importanti (madwar terz fi ħdan is-sussidji totali fuq "l-enerġija kollha").

Tabella 1 – Distribuzzjoni ta' sussidji bejn vetturi u strumenti differenti tal-enerġija

Kategorija ta' sussidji	L-enerġija kollha	Elettriku	Fjuwils fossili	Nukleari	RES	Total
Trasferimenti diretti	5%	0%	3%	1%	2%	11%
Nefqiet tat-taxxa	6%	6%	20%	1%	4%	36%
Appoġġ tal-introjtu jew tal-prezz	1%	1%	6%	0%	41%	49%
Baġits għar-R&Ż	2%	0%	0%	1%	1%	4%
<b>Total</b>	<b>15%</b>	<b>7%</b>	<b>29%</b>	<b>3%</b>	<b>47%</b>	<b>100%</b>

Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

## 2.2 Sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-UE

Is-sussidji fuq **il-fjuwils fossili** naqsu b'1,5 % fl-UE fil-5 snin mill-2015, u laħqu EUR 50 biljun fl-2020<sup>26</sup>. Fl-2020, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili kienu EUR 3 biljuni inqas mill-

<sup>25</sup> Ma hemmx diżaggregazzjoni disponibbli tad-*data* dwar it-teknoloġiji u s-sorsi differenti għall-ġenerazzjoni tal-idroġenu (eż. enerġija rinnovabbli jew fossili).

<sup>26</sup> Biex tiġi segwita metodoloġija konsistenti madwar l-Istati Membri, il-vetturi tal-enerġija, is-setturi u l-istrumenti ta' sussidju, xi entrati kkunsidrati bħala sussidju f'sorsi oħra ma ġewx magħduda fin-numri totali fl-istudju tal-Kummissjoni. Pereżempju, ħafna Stati Membri

2019, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fl-attivitajiet tat-trasport. Madankollu, meta wieħed iħares lejn id-*data* stmata tal-2021, is-sussidji ġenerali tal-fjuwils fossili fl-UE ma wrewx tkabbir qawwi bir-rebound ekonomiku, iżda minflok baqgħu qrib il-livell tagħhom tal-2020. Dan kien ir-riżultat ta' differenzi fis-sussidji fuq il-fjuwils fossili f'setturi ekonomiċi differenti, kif deskritt fil-paragrafi li ġejjin.

Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili fis-**settur tal-enerġija** naqsu b'EUR 1,9 biljun (-11 %) bejn l-2015 u l-2020, l-aktar bħala konsegwenza tat-tnaqqis fis-sussidji mhux speċifiċi għall-fjuwils u s-sussidji fuq diversi fjuwils fossili, filwaqt li s-sussidji assenjati speċifikament għall-faħam, il-linjite u l-gass naturali baqgħu prattikament l-istess. Kollox ma' kollox, it-tnaqqis tas-sussidjar tal-fjuwils fossili fil-produzzjoni tal-enerġija huwa żvilupp pożittiv għall-oġettivi klimatiċi u għall-impenji internazzjonali tal-UE. Fl-2021, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili komplew jonqsu fis-**settur tal-enerġija**, u kienu 25 % inqas milli fl-2015.

**Fis-**settur tat-trasport****, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili (primarjament fuq prodotti taż-żejt) żdiedu b'mod drammatiku (b'29 %, jew b'EUR 3,1 biljun) bejn l-2015 u l-2019, qabel ma naqsu b'EUR 3 biljun fl-2020 (primarjament minħabba konsum aktar baxx tal-petroleum) u reġgħu żdiedu b'EUR 0,9 biljun fl-2021 (+9 % meta mqabbel mal-2020). Skont stimi fil-kuntest tal-istudju, il-konsum tal-fjuwil fl-avjazzjoni fl-2021 kien għadu inqas milli kien fl-2019.


Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-**agrikoltura** **żdiedu wkoll** (bi 13 %, jew + EUR 0,7 biljun) bejn l-2015 u l-2020, u s-**settur irċieva** sussidji kważi kompletament fil-forma ta' appoġġ għall-konsum tal-prodotti tal-petroleum (eż. tnaqqis jew eżenzjoni ta' taxxi fuq il-fjuwil). Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili **għall-unitajiet domestiċi** żdiedu bi 15 % (EUR 0,4 biljun) fl-istess perjodu, prinċipalment fil-forma ta' sussidji għall-konsum taż-żejt għat-tiħin u tal-gass naturali. Fl-2021, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili għall-unitajiet domestiċi komplew jiżdiedu mil-livelli tagħhom tal-2020.

B'kuntrast għal dan, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-**industrija**, ipprovduti prinċipalment fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxa u eżenzjonijiet għall-użu tal-enerġija, naqsu b'EUR 0,2 biljun (-2 %) bejn l-2015 u l-2020. Is-sussidji fuq il-faħam naqsu b'EUR 1,4 biljun, filwaqt li s-sussidji fuq il-gass u ż-żejt żdiedu b'EUR 0,5 biljun u b'EUR 1,1 biljun rispettivament fil-perjodu ta' 5 snin.

---

japplikaw rati tas-sisa differenti għall-petrol u d-diżil, għalhekk is-sussidji fuq dawn il-prodotti jistgħu jkunu sinifikanti. Bl-istess mod, l-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu barra l-UE ma humiex koperti. Billi l-infuzjonijiet tal-kapital jew ix-xiri mill-gvern ma humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istudju tal-Kummissjoni, xi appoġġ finanzjarju mogħti lill-intrapriżi li jikkunsmaw il-fjuwils fossili (eż. pakketti ta' salvataġġ finanzjarju għal kumpaniji tal-linji tal-ajru) ukoll ma huwiex inkluż fost is-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Il-bażi tad-*data* lanqas ma fiha informazzjoni dwar teknoloġiji ta' ġenerazzjoni ta' fjuwils fossili imnaqsa u mhux imnaqsa.

## Illustrazzjoni 6 – Sussidji fuq il-fjuwils fossili f’setturi differenti fl-UE



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

Is-sussidji fuq iż-**żejt u fuq il-prodotti tal-petroleum**, li jirrappreżentaw aktar minn nofs is-sussidji totali fuq il-fjuwils fossili fl-UE, żdiedu b’6 % (+ EUR 1,2 biljun) bejn l-2015 u l-2020, għalkemm dawn is-sussidji naqsu bi EUR 3,1 biljuni fl-2020 minħabba l-lockdowns relatati mal-COVID-19. Is-sussidji fuq il-fjuwil tad-diżil żdiedu b’44 % (+ EUR 3,4 biljuni) bejn l-2015 u l-2020 fl-UE, u l-akbar kontributori kienu l-Belġju (+ EUR 1,8 biljun, aktar mit-triplu) u Franza (+ EUR 1,2 biljun, jew + 74 %). Is-sussidji fuq iż-żejt u l-petroleum żdiedu b’madwar EUR 0,8 biljun fl-2021 meta mqabbel mal-2020.

Is-sussidji fuq il-**faħam u l-linjite** naqsu b’9 % (-EUR 0,9 biljun) fl-UE bejn l-2015 u l-2020, minħabba tnaqqis fl-użu ta’ fjuwils solidi f’diversi setturi bħall-industrija. Madankollu, fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, is-sussidji fuq il-faħam ma wrew l-ebda bidla sinifikanti f’dan il-perjodu ta’ 5 snin. Fil-ġejjieni, is-sussidji għas-settur tal-faħam jistgħu jżdiedu għal żmien limitat, kemm minħabba ż-żieda mistennija fuq żmien qasir tal-faħam fit-taħlitiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku kif ukoll minħabba l-iskemi ta’ kumpens għall-għeluq tal-impjanti tal-faħam u tal-linjite pplanati f’diversi Stati Membri. Madankollu, jista’ jkun hemm bidliet fil-pjanijiet għal dawn l-iskemi ta’ kumpens minħabba l-isfidi attwali għas-sigurtà u l-provvista tal-enerġija. L-akbar tnaqqis fis-sussidji fuq il-fjuwil solidu f’dan il-perjodu ta’ 5 snin seta’ jiġi osservat fil-Ġermanja (bi 11 % jew -EUR 0,8 biljun), filwaqt li fil-Polonja s-sussidji fuq il-faħam żdiedu b’65 % (+ EUR 0,6 biljun). Is-sussidji fuq il-faħam fl-UE żdiedu b’madwar EUR 0,6 biljun fl-2021 madwar l-UE meta mqabbel mal-2020.

Is-sussidji għall-**gass naturali** żdiedu b’6 % (EUR 0,5 biljun) bejn l-2015 u l-2020, li jirrappreżenta madwar 19 % tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, ftit aktar mis-sehem tas-sussidji li jirrappreżentaw il-faħam u l-linjite (18 %). Is-sussidji fuq il-gass żdiedu fis-settur industrijali matul dan il-perjodu, filwaqt li ma kien hemm l-ebda bidla fis-sussidji fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Is-sussidji fuq il-gass naturali żdiedu b’madwar EUR 0,5 biljun kemm fil-Ġermanja (+9 %) kif ukoll fi Franza (+113 %) f’dan il-perjodu, filwaqt li l-bidla bejn l-2015 u l-2020 uriet stampa mħallta f’pajjiżi oħra.


Iż-żieda fil-prezzijiet tal-faħam fost prezzijiet tal-gass għoljin ħafna għamluha aktar diffiċli li l-gass jiġi sostitwit bil-faħam fit-taħlita tal-enerġija ta’ ħafna Stati Membri tal-UE, iżda jħeġġu s-sostituzzjoni b’sorsi ta’ enerġija rinnovabbli orħos. Bħala riżultat tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, l-UE introduċiet żewġ inizjattivi. L-ewwel inizjattiva hija l-pjan

REPowerEU biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-konsum tal-gass (prinċipalment immirata lejn: (i) id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass lil hinn mir-Russja; (ii) it-tiġid tal-effiċjenza enerġetika u l-iġfrankar tal-enerġija; u (iii) l-aċċellerazzjoni tat-tnedija ta' enerġiji rinnovabbli. It-tieni inizjattiva hija l-pjan "Niffrankaw il-gass għal xitwa sikura" biex jitnaqqas il-konsum tal-gass fix-xitwa 2022-2023<sup>27</sup>. Fil-futur, dawn iż-żewġ inizjattivi probabbilment se jkollhom impatt fuq is-sussidji fuq il-gass naturali<sup>28</sup>. Is-sussidji fuq il-gass madwar l-UE żdiedu b'madwar EUR 0,7 biljun (+10 %) fl-2021 meta mqabbel mal-2020.

Is-sussidji fuq il-fjuwils fossili għandhom **sinifikat differenti f'pajjiżi differenti tal-UE** skont id-daqs tal-PDG nazzjonali. Fl-2020, Ċipru nefaq 1,3 % tal-PDG tiegħu biex jissussidja l-fjuwils fossili (prinċipalment prodotti taż-żejt). Il-Bulgarija wkoll nefqet 0,9 % tal-PDG tagħha fuq sussidji fuq il-fjuwils fossili dik is-sena (l-aktar fuq miżuri mhux assenjati għal fjuwils partikolari). Min-naħa l-oħra, il-Lussemburgu u l-Awstrija nefqu inqas minn 0,1 % fuq sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-2020, filwaqt li l-medja tal-UE kienet ta' 0,3 % tal-PDG. Wara Ċipru, il-Belġju u l-Greċja nefqu l-aktar fuq sussidji fuq il-prodotti taż-żejt (0,7 % u 0,5 % tal-PDG tagħhom rispettivament), filwaqt li s-Slovakkja u l-Polonja nefqu 0,3 % tal-PDG fuq sussidji fuq il-faħam.

Meta mqabbel mal-2015, l-intensità tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili (l-ammont minfuq fuq sussidji fuq il-fjuwils fossili għal kull euro tal-PDG) żdiedet b'0,9 fil-mija f'Ċipru, u b'0,4 fil-mija fil-Bulgarija fl-2020, filwaqt li naqset b'0,5 fil-mija fil-Latvja, u b'aktar minn 0,3 fil-mija fil-Litwanja u fl-Irlanda. Fil-livell tal-UE, din l-intensità tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili baqgħet Prattikament l-istess bejn l-2015 u l-2020. Fl-2021, l-intensità tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili naqset bi ftit meta mqabbel mal-2020 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

**Illustrazzjoni 7 – Sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-Istati Membri tal-UE, bħala perċentwali tal-PDG u f'biljuni ta' euro fl-2020, imqabbla mas-sussidji fuq il-fjuwils fossili bħala perċentwali tal-PDG fl-2015**



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

### 3. Konsistenza tas-sussidji differenti tal-enerġija mat-tassonomija tal-enerġija

<sup>27</sup> Barra minn dawn l-inizjattivi, atti leġislattivi importanti oħra, li għandhom impatt fuq il-konsum tal-gass u s-sussidji, ġew adottati mill-UE, bħar-Regolament għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass, ir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass, eċċ.

<sup>28</sup> Is-sussidji fuq il-gass jirreferu biss għal sussidji għall-produzzjoni u l-konsum tal-gass u l-enerġija mill-gass. Ma jinkludux appoġġ għall-iżviluppi potenzjali tal-infrastruttura, bħall-aġġornament tal-grilja tal-gass Ewropea li tippermetti flussi aħjar tal-gass, il-bini ta' terminals ġodda ta' rigassifikazzjoni tal-LNG, jew l-espansjoni ta' terminals eżistenti, eċċ.

It-tassonomija tal-UE jista' jkollha impatt fuq is-sussidji fil-futur, billi tipprowdi għodod biex jiġu identifikati attivitajiet sostenibbli. Tista' tiffaċilita l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali biex jimmiraw attivitajiet li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra. L-istudju tal-Kummissjoni wettaq l-ewwel eżerċizzju ta' valutazzjoni dwar kif is-sussidji fuq l-enerġija huma konsistenti mal-attivitajiet ekonomiċi sottostanti definiti fit-tassonomija<sup>29</sup>.


Biex jikklassifika s-sussidji, l-istudju tal-Kummissjoni stabbilixxa 4 kategoriji differenti<sup>30</sup>. L-ewwel kategorija hija "konsistenti" u tista' tiġi applikata għal każijiet fejn is-sussidji jibbenefikaw attivitajiet magħrufa bħala "attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija", bħall-enerġiji rinnovabbli jew l-effiċjenza enerġetika b'mod ġenerali. It-tieni kategorija hija "mhux konsistenti – ta' tranżizzjoni", u tkopri sussidji li jibbenefikaw attivitajiet li ma humiex eliġibbli taħt it-tassonomija tal-UE, iżda li jistgħu jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija wkoll, bħad-dekummissjonar tal-assi tal-fjuwils fossili. It-tielet kategorija hija "mhux konsistenti", u tkopri s-sussidji kollha li jappoġġaw direttament jew indirettament il-produzzjoni jew il-konsum tal-fjuwils fossili. Il-kategorija finali hija "mhux applikabbli" u tkopri s-sussidji li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt il-kategoriji preċedenti bħall-mekkaniżmi tas-suq (eż. suq tal-kapaċità jew riżervi tas-sigurtà).

Kif turi d-*data* mill-istudju tal-Kummissjoni, il-maġġoranza l-kbira tas-sussidji fuq l-enerġiji rinnovabbli (EUR 79 biljun mit-total ta' EUR 81 biljun fl-2020) jappartjenu għall-kategorija "konsistenti" (iż-EUR 2 biljuni ta' sussidji li jifdal jitqassmu fost il-kategoriji mhux konsistenti u mhux applikabbli, li jkopru prinċipalment it-tnaqqis tat-taxxa jew tas-soprataxxa fuq l-elettriku rinnovabbli għal xi industriji). B'kuntrast għal dan, ħafna mis-sussidji fuq il-fjuwils fossili huma kklassifikati taħt il-kategorija "mhux konsistenti". Fiż-żewġ kategoriji l-oħra, ("mhux konsistenti – ta' tranżizzjoni" u "mhux applikabbli") insibu, pereżempju, sussidji għar-ristrutturar tal-minjieri tal-faħam u benefiċċji għat-tranżizzjoni soċjali ta' nies impjegati fis-settur tal-minjieri. Dawn iż-żewġ kategoriji l-oħra rrappreżentaw EUR 2,8 biljuni mit-total ta' EUR 50 biljun f'sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-2020. Fil-kategorija "L-enerġiji kollha", madwar 63 % tal-ammont totali ta' EUR 26 biljun f'sussidji kien fil-kategorija "konsistenti" fl-2020, filwaqt li miżuri oħra (eż. tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija u għotjiet għal ċerti attivitajiet u investimenti) kienu fit-tliet kategoriji l-oħrajn. Kemm għall-ġenerazzjoni tal-elettriku kif ukoll għall-ġenerazzjoni nukleari, il-maġġoranza l-kbira tas-sussidji (aktar minn 80 %) kienu fil-kategorija "mhux konsistenti - ta' tranżizzjoni" fl-2020.

<sup>29</sup> Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li fiż-żmien tal-abbozzar tal-istudju tal-Kummissjoni, l-Att Delegat Kumplimentari dwar il-Klima, li jindirizza l-attivitajiet tal-enerġija nukleari u tal-gass, kien diġà ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea, iżda l-proċess ta' adożzjoni mill-koleġiżlaturi ma kienx tlesta, u l-Att Delegat kien għadu ma daħalx fis-seħħ.

<sup>30</sup> Id-deskrizzjoni dettaljata ta' kull klassifikazzjoni tinsab fil-Kapitolu 5.1.2 dwar il-klassifikazzjoni tat-tassonomija tal-UE tal-istudju tal-Kummissjoni

## Illustrazzjoni 9 – Klassifikazzjoni tas-sussidji relatati mal-konsistenza mal-klassifikazzjoni tat-tassonomija fl-2020



Sors: Study on energy subsidies and other government interventions in the European Union – l-edizzjoni tal-2022

### 4. Konklużjonijiet

L-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti u prezzijiet għoljin tal-enerġija ħtieġu inizjattivi politiċi ġodda fl-Unjoni Ewropea. Dawn l-inizjattivi l-ġodda huma eċċezzjonali fin-natura tagħhom, iżda jistgħu jħallu impatt fundamentali fuq is-suq tal-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija. Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u tnaqqis kontinwu tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-setturi residenzjali, tal-enerġija, tat-trasport u industrijali se jgħinu biex jitnaqqsu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa u tiżdied isigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-UE. Dan jimplika tnaqqis fis-sussidji assoċjati tal-fjuwils fossili, u r-ridirezzjonar tar-riżorsi lejn l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika tibqa' għodda biex jintlaħqu dawn l-oġettivi u l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar il-klima. Tnaqqis sinifikanti ta' nofs it-terminu fil-konsum tal-gass x'aktarx jinvolvi tnaqqis fis-sussidji fuq il-gass. Il-prezzijiet għoljin attwali tal-gass u ż-żieda temporanja mistennija fil-ġenerazzjoni bl-użu tal-faħam jenħtieġ li ma jwasslux għal sussidji sostanzjalment oġhla tal-fjuwils fossili. Fl-istess ħin, fil-ftit snin li ġejjin, jeħtieġ li jitqiesu wkoll kunsiderazzjonijiet ta' politika b'rabta mal-affordabbiltà. Il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li taħdem bil-faħam u l-linjite – kif ukoll xi impjanti nukleari – x'aktarx li jibqgħu parti mill-ġenerazzjoni tal-elettriku f'xi Stati Membri tal-UE għal aktar żmien milli kien mistenni qabel.

Sabiex tiġi implimentata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, jiġu evitati l-intrappolament u assi mhux rekuperabbli fit-teknoloġiji tal-fjuwils fossili u jiġi minimizzat l-użu tal-enerġija fossili, huma meħtieġa aktar investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika. Dan x'aktarx jeħtieġ li l-fokus tas-sussidji fuq l-enerġija jdur lejn l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza, inkluż ir-rispons għad-domanda. Teknoloġiji emerġenti ġodda, bħall-idroġenu rinnovabbli, se jsiru dejjem aktar sinifikanti, u dan jimplika sussidji oġhla. L-effiċjenza enerġetika se jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-oġettivi ta' REPowerEU u l-pjan "Niffrankaw il-gass għal xitwa sikura". L-investimenti meħtieġa għal dawn il-programmi jistgħu jfissru appoġġ finanzjarju akbar għall-effiċjenza enerġetika fil-forma ta' żieda fis-sussidji.

Fl-istess ħin, l-Istati Membri tal-UE hađu għadd ta' miżuri biex inaqqsu l-impatt tal-prezzijiet bl-innut għoljin tal-enerġija. Dawn il-miżuri x'aktarx li jiġu tradotti f'sussidji oġhla fuq id-

domanda għall-enerġija għall-unitajiet domestiċi u n-negozji, tal-inqas fuq terminu qasir u medju.

Ir-riżultati dettaljati tal-istudju tal-Kummissjoni dwar is-sussidji se jiġu ppubblikati flimkien ma' dan ir-rapport biex jipprovdu stampa komprensiva tas-sitwazzjoni.